MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2012

Avviz Numru. 323/2005

**Onorevoli Robert Arrigo (Karta ta' l-Identità bin-Numru 856454M) f'ismu proprio u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà Robert Arrigo & Sons Limited (C-7179)**

**Vs**

**Lino Farrugia (Karta ta' l-Identità bin-Numru 786455M) personalment u fil-kapacità tieghu ta' direttur tas-socjetà kummercjali CLT Hotels Services Limited (C-19830) in rapprezentanza ta' l-istess**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avvizipprezentat minn Robert Arrigo f'ismu proprio u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà Robert Arrigo & Sons Limited fis-27 ta' Mejju 2005, permezz ta' liema jitlob li Lino Farrugia proprio kif ukoll bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà CLT Hotels Services Limited jigi kkundannat: (i) ihallas lilu f'ismu proprio dik is-somma li tigi stabbilita mill-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 28 ta'

l-Att Dwar l-Istampa, Kap.248 tal-Ligijiet ta’ Malta, u dana prevja dikjarazzjoni li l-ittra, ossia e-mail datata 14 ta’ Mejju 2005 mibghuta minn Lino Farrugia lill-Ministru tat-Turizmu, lill-Malta Tourism Authority, lill-Federated Association of Travel & Tourism Agents, lill-Malta Hotels & Restaurants Association u lill-Federation of Malta Hotels, Pensions & Catering Establishments, hija libelluza jew tikkostitwixxi malafama billi toffendi l-unur u l-fama tieghu u/jew tnaqqas ir-reputazzjoni tieghu u/jew tesponih ghad-disprezz tal-pubbliku; u (ii) ihallasu ghan-nom tas-socjetà Robert Arrigo & Sons Limited dik is-somma li tigi likwidata mill-Qorti ai termini ta’ l-Artikolu 29 ta’ l-Att dwar l-Istampa, Kap. 248 tal-Ligijiet ta’ Malta, u dana prevja dikjarazzjoni li: (a) il-konvenut kien jaf jew bid-diligenza xierqa seta’ jkun jaf li d-dikjarazzjonijiet maghmula fl-ittra, ossia l-imsemmija e-mail tieghu datata 14 ta’ Mejju 2005 mibghuta lill-Ministru tat-Turizmu, lill-Malta Tourism Authority, lill-Federated Association of Travel & Tourism Agents, lill-Malta Hotels & Restaurants Association u lill-Federation of Malta Hotels, Pensions & Catering Establishments, kienu foloz; u (b) id-dikjarazzjonijiet maghmula fl-imsemmija e-mail ta' l-14 ta' Mejju 2005 huma tali li x’aktarx jaghmlu hsara lin-negozju gestit minnu ghan-nom tas-socjetà Robert Arrigo & Sons Limited, bl-ispejjez kontra Lino Farrugia proprio kif ukoll bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà CLT Hotels Services Limited;

Rat id-dokument anness ma’ l-Avviz markat Dok. “A” a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut li biha jeccepixxi li: (i) in linea preliminari l-azzjoni attrici in kwantu intentata mill-Onorevoli Robert Arrigo personalment hija irrita u nulla stante li l-komunikazzjoni datata 14 ta’ Mejju 2005 li fuqha hija bbazata l-azzjoni attrici issemmi biss u unikament lis-socjetà Robert Arrigo & Sons Limited; (ii) in linea preliminari wkoll, l-azzjoni attrici in kwantu rivolta fil-konfront tieghu personalment hija infondata fil-fatt u fid-dritt u t-talbiet relattivi fil-konfront tieghu personalment ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur proprio et nomine, stante li l-

kommunikazzjoni datata 14 ta’ Mejju 2005 li fuqha hija bbazata l-azzjoni attrici giet mibghuta espressament u b’mod car u inekwivoku mis-socjetà CLT Hotels Malta Limited; (iii) in linea preliminari wkoll, jirrizulta mid-dicitura ta’ l-okkju ta’ l-Avviz li s-socjetà CLT Hotels Malta Limited ma gietx citata bhala konvenuta f’dawn il-proceduri stante li ma jirrizultax li Lino Farrugia gie mharrek ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess imsemmija socjetà; (iv) il-kontenut ta’ l-e-mail ta’ l-14 ta’ Mejju 2004 ma jikkostitwixxix la libell u lanqas malafama li toffendi l-unur u l-fama ta’ l-attur u lanqas ma jnaqqas ir-reputazzjoni ta’ l-attur jew tesponih ghad-disprezz tal-pubbliku peress li ma taghmel ebda refrenza ghall-attur personalment u, fil-konfront tas-socjetà attrici ma tikkostitwixxix hlief ‘fair comment’ bazat fuq fatti pjenament gustifikati u veri; (v) id-dikjarazzjonijiet maghmula fil-komunikazzjoni imsemmija ma humiex foloz izda huma veri u fattwali; (vi) il-komunikazzjoni meritu tal-proceduri ma kienetx intiza ghall-pubbliku izda kienet intiza biex tqajjem ilment gustifikat fil-konfront tas-socjetà attrici lill-assocjazzjonijiet li jirregolaw l-operat tas-settur turistiku li fih jahdmu l-partijiet kontendenti; u ghaldaqstant (vii) it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-attur proprio et nomine;

Rat li in segwitu ghad-Digriet moghti fl-24 ta’ Gunju 2005, li bih giet awtorizzata korrezzjoni fl-okkju tal-proceduri fis-sens illi wara l-kliem “CLT Hotels Services Limited” jizdiedu l-kliem “u in rapprezentanza ta’ l-istess”, il-konvenut Lino Farrugia u s-socjetà CLT Hotels Services Limited taw ruhhom b’notifikati bl-Avviz kif korrett u s-socjetà CLT Hotels Services Limited ghamlet taghha l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenut Lino Farrugia fin-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tieghu, u l-konvenuti rrinunzjaw ghat-tielet eccezzjoni taghhom;

Rat l-estratt mill-harga tal-gurnal KullHadd tat-22 ta’ Mejju 2005 a fol. 14 tal-process;

Semghet ix-xhieda ta’ l-attur moghtija waqt is-seduti ta’ l-1 ta’ Gunju 2006[1] u ta' l-10 ta' Marzu 2010[2] u rat id-dokumenti minnu esebiti waqt is-seduta ta' l-1 ta' Gunju 2006 markati Dok. “RA2” sa’ Dok. “RA4” a fol. 29 sa’ 60 tal-process u d-dokument ukoll esebit mill-attur waqt is-seduta ta' l-10 ta' Marzu 2010 markat Dok. "Z" a fol. 144 u 145 tal-process, semghet ix-xhieda tal-Prokuratur Legali Lino D. Abela[3] u ta' Edward Paris[4] moghtija waqt is-seduta tat-12 ta' Marzu 2007, semghet ix-xhieda ta' David Bonello moghtija waqt is-seduti tat-12 ta' Marzu 2007[5] u tas-16 ta' Mejju 2007[6] u rat id-dokumenti esebiti minnu waqt is-seduta tat-12 ta' Marzu 2007 markati Dok. "T" a fol. 76 sa' 92 tal-process u waqt is-seduta tad-16 ta' Mejju 2007 markati Dok. "X", Dok. "Y" u Dok. "Z" a fol. 98 sa' 160 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Frank Farrugia[7] u ta' Nadine Brincat[8] moghtija waqt is-seduta tas-16 ta' Mejju 2007, semghet ix-xhieda ta' Felix Agius[9] u ta' George Schembri[10] moghtija waqt is-seduta tas-17 ta' Ottubru 2007 u rat id-dokument esebit minn Felix Agius waqt is-seduta tas-17 ta' Ottubru 2007 a fol. 172 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Donald Pace Bonello[11] u ta' Joe Sammut[12] moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Dicembru 2007, semghet ix-xhieda tal-konvenut Lino Farrugia moghtija waqt is-seduti tal-11 ta' Dicembru 2007[13], ta' l-20 ta' Frar 2008[14], tal-5 ta' Novembru 2009[15] u ta' l-14 ta' Jannar 2010[16] u rat id-dokument Dok."Z" esebit minnu waqt is-seduta tal-5 ta' Novembru 2009 a fol. 113 sa' 119 tal-process u d-dokumenti Dok. "CSH 1" sa' Dok. "CSH3" ukoll esebiti mill-konvenut waqt is-seduta ta' l-14 ta' Jannar 2010 a fol. 124 sa' 139 tal-process;

---

[1] Fol. 22 sa’ 28 tal-process.
[2] Fol. 141 sa’ 143 tal-process.
[3] Fol. 69 u 70 tal-process.
[4] Fol. 74 u 75 tal-process.
[5] Fol. 71 sa’ 73 tal-process.
[6] Fol. 96 u 97 tal-process.
[7] Fol. 161 u 162 tal-process.
[8] Fol. 163 tal-process.
[9] Fol. 171 tal-process.
[10] Fol. 173 tal-process.
[11] Fol. 180 tal-process.
[12] Fol. 181 u 182 tal-process.
[13] Fol. 183 sa’ 186 tal-process.
[14] Fol. 190 u 191 tal-process.
[15] Fol. 110 sa’ 112 tal-process.
[16] Fol. 121 sa’ 123 tal-process.

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-attur f'ismu proprio u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà Robert Arrigo & Sons Limited jitlob li l-konvenut f'ismu proprio u in rapprezentanza tas-socjetà CLT Hotels Services Limited jigi kkundannat: (i) ihallas lilu f'ismu proprio dik is-somma li tigi likwidata mill-Qorti bhala danni ai termini ta' l-Artikolu 28 tal-Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta stante li l-e-mail datata 14 ta' Mejju 2005 mibghuta mill-konvenut lill-Ministru tat-Turizmu, lill-Malta Tourism Authority, lill-Federated Association of Travel & Tourism Agents, lill-Malta Hotels & Restaurants Association u lill-Federation of Malta Hotels, Pensions & Catering Establishments, hija libelluza jew tikkostitwixxi malafama billi toffendi l-unur u l-fama tieghu u/jew tnaqqas ir-reputazzjoni tieghu u/jew tesponih ghad-disprezz tal-pubbliku; u (ii) ihallsu ghan-nom tas-socjetà Robert Arrigo & Sons Limited dik is-somma li tigi likwidata mill-Qorti bhala danni ai termini ta' l-Artikolu 29 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta stante li il-konvenut kien jaf jew bid-diligenza xierqa seta' jkun jaf li d-dikjarazzjonijiet maghmula fl-imsemmija e-mail datata 14 ta' Mejju 2005 kienu foloz u huma tali li x'aktarx jaghmlu hsara lin-negozju gestit minnu ghan-nom ta' l-imsemmija socjetà Robert Arrigo & Sons Limited.

Il-konvenut proprio et nomine jilqa' ghat-talbiet attrici b'diversi eccezzjonijiet fosthom zewg eccezzjonijiet preliminari fis-sens illi l-azzjoni attrici in kwantu promossa mill-attur f'ismu proprio hija irrita u nulla stante li l-e-mail meritu tal-kontestazzjoni issemmi biss u unikament lis-socjetà Robert Arrigo & Sons Limited, u li l-azzjoni attrici in kwantu diretta fil-konfront tal-konvenut f'ismu proprio hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-e-mail in kwistjoni intbaghtet espressament b'mod car u inekwivoku mis-socjetà CLT Hotels Malta Limited. Fil-meritu jeccepixxi

wkoll li l-e-mail in kwistjoni ma tikkostitwixxix libell u/jew malafama stante li ma taghmel ebda referenza ghall-attur f'ismu proprio u fil-konfront tas-socjetà Robert Arrigo & Sons Limited tikkostitwixxi *fair comment* bazat fuq fatti veri u gustifikati, u d-dikjazazzjonijiet maghmula fiha ma humiex foloz izda fattwali. Jikkontendi wkoll li fi kwalunkwe kaz l-istess imsemmija e-mail ma kienetx intiza ghall-pubbliku izda kienet intiza biex tqajjem ilment gustifikat fil-konfront tas-socjetà attrici lill-assocjazzjonijiet li jirregolaw l-operat tas-settur li fih jahdmu l-partijiet kontendenti.

Fil-fehma tal-Qorti l-ewwel kwistjoni li ghandha tigi trattata hija dik sollevata mill-konvenut proprio et nomine fis-sitt eccezzjoni tieghu u cioè li l-e-mail datata 14 ta' Mejju 2005 ma kenitx intiza ghall-pubbliku izda l-iskop taghha kien li jitqajjem ilment gustifikat fil-konfront tas-socjetà Robert Arrigo & Sons Limited lill-assocazzjonijiet li jirregolaw l-operat tas-settur turistiku li fih jahdmu l-partijiet kontendenti. Huwa evidenti li b'din l-eccezzjoni l-konvenut proprio et nomine jimplika li l-e-mail meritu tal-kontestazzjoni ma taqax taht l-effetti ta' l-Att dwar l-Istampa, Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghaldaqstant ma ghandhiex tkun kolpita bid-disposizzjonijiet ta' dak l-Att u b'mod partikolari b'dak provdut fl-Artikoli 28 u 29 ta' l-imsemmi Att, li jikkostitwixxu l-bazi ta' l-azzjoni attrici.

Jibda biex jigi osservat li fil-fehma tal-Qorti e-mail taqa' taht id-definizzjoni ta' "stampat" ai termini ta' l-Artikolu 2 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta, li appuntu tfisser *kull kitba stampata b'tipi tipografici jew bil-litografija jew b'mezzi jew processi ohra bhal dawn fuq karta jew sustanza ohra, kif ukoll kull kartellun jew avviz ieor li jitwahhal li jkun fih xi sinjal jew kitba miktuba, stampata, impingija, rizaltata jew xort'ohra impressa, u tinkludi kull diska, tape, film jew mezz iehor li bih kliem jew immagini vizwali jistghu jinstemghu, jitwasslu jew jigu riprodotti* u l-mezz ta' komunikazzjoni permezz ta' e-mail jaqa' taht id-definizzjoni kemm ta' pubblikazzjoni - *kull att li bih kull stampat jigi jew jista' jigi ikkomunikat jew imgharraf lil xi persuna jew li bih kliem jew immagini vizwali jigu mxanndra* - kif ukoll ta' xandir - *it-trasmissjoni permezz ta'*

*fili jew minn gewwa l-arja, inkluza wkoll permezz ta' satellita, f'ghamla kodifikata jew mhijiex, ta' kliem jew immagini vizivi, sew jekk dawk il-kliem jew immagini ikunu fil-fatt ricevuti minn xi persuni sew jekk le* - ai termini ta' l-imsemmi Aetikolu 2 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta.

In verità mill-eccezzjonijiet moghtija mill-konvenut proprio et nomine lanqas jidher li huwa qed jikkontesta l-fatt dwar jekk e-mail *per se* tistax o meno taqa' taht l-Att dwar l-Istampa, izda jikkontendi li peress illi l-e-mail meritu ta' din il-kontestazzjoni ma kenitx intiza ghall-pubbliku izda ghal persuni w entitajiet specifici li jirregolaw is-settur li fih joperaw kemm hu kif ukoll l-attur u s-socjetajiet minnhom rispettivament rapprezentati, allura dik l-istess e-mail ma tistax tigi kolpita b'dak provdut fil-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta u b'mod partikolari, b'dak provdut fl-Artikoli 28 u 29 ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligi. Il-konvenut proprio et nomine kjarament jikkontendi li fil-kaz in ezami ma jissussistix l-element tal-pubblicità tant necessarju fil-kuntest ta' proceduri civili ta' libell, partikolarment ghas-success ta' l-istess.

Li l-element tal-pubblicità huwa wiehed mill-elementi fondamentali f'kuntest ta' azzjoni civili ta' libell johrog ferm car mid-disposizzjonijiet tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta, partikolarment ta' l-Artikolu 3 ta' dak il-Kapitolu tal-Ligi, li jipprovdi li *r-reati imsemmija f'din it-Taqsima ta' dan l-Att isiru permezz tal-pubblikazzjoni jew tqassim f'Malta ta' stampat, ikun x'ikun il-post li minnu jorigina dak l-istampat, jew bil-mezz ta' xi xandir*[17]. Ma hemmx dubju li komunikazzjoni privata, anke jekk permezz ta' e-mail, bejn persuna w ohra ma ghandhiex titqies bhala pubblikazzjoni ghall-finijiet tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta sakemm din ma tigix jew mhux probabbli li tigi jew taqa' f'idejn terza persuna, fejn imbaghad hemmhekk jissubentra l-element tal-pubblicità. Jekk tali kommunikazzjoni hekk imsejha privata ssir jew tintbaghat b'tali mod li facilment tista' ssir u fil-fatt issir pubblika, allura titlef il-kwalità privata taghha u minflok tissubentra l-pubblicità li tirrendiha suscettibbli ghal dak provdut fl-Att dwar l-Istampa.

[17] Sottolinear tal-Qorti.

Din l-osservazzjoni ssib konferma fis-sentenza fl-ismijiet **Alfred Grasso v. Salvino Mifsud Bonnici, Citaz. Nru. 871/00** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Jannar 2003, fejn ghalkemm il-komunikazzjoni attakkata saret permezz ta' ittra l-osservazzjonijiet maghmula mill-Qorti kjarament japplikaw ukoll ghal komunikazzjoninpermezz ta' e-mail. F'dik is-sentenza l-Prim' Awla tal-Qorti Civili osservat illi *fil-fehma tal-Qorti, it-tifsira moghtija fil-ligi* [tat-terminu pubblikazzjoni] *taghna ghandha ta' bilfors titfisser fid-dawl ta' l-ghanijiet specjali li jimmira ghalihom l-Att dwar l-Istampa, jigifieri li jaghti harsien lil individwu milli jigi mzeblah jew malafamat minn xi haddiehor b'mezz stampat jew b'xandira. Ghalhekk, ghalkemm il-kelma "pubblikazzjoni" tidher li tinghata tifsira wiesgha fil-ligi taghna biex tinkludi kull ma hu miktub, jidher li huwa ovvju li ittra privata mibghuta minn persuna lil persuna ohra ma tghoddx bhala pubblikazzjoni ghall-finijiet tal-ligi jekk fl-istess hin ma tigix jew mhux probabbli li tigi jew taqa' f'idejn terza persuna. Li kieku wiehed ifisser il-ligi mod iehor, ma jista' jkun hemm xejn li ma jistax ikun "ippubblikat" jew "imxandar". L-awturi ewlenin meta jqisu t-tifsira moghtija lill-ligi ta' l-Istampa li minnha hi mehuda u miruta l-ligi taghna, jissugerixxu li, fl-kaz ta' ittri privati, jinhtieg li jigu meqjusa tliet konsiderazzjonijiet ewlenin: (a) il-mod kif titwassal l-ittra; (b) il-mod kif tkun indirizzata; u (c) l-gharfien tal-mittenti dwar il-procedura tad-destinatarju dwar il-ftuh ta' l-ittri li jircievi. Jekk kemm-il darba ittra privata tintbaghat bis-servizz postali, m'hemmx presunzjoni tal-pubblicità. Il-prova ta' l-impustar ta' ittra tohloq presunzjoni prima facie illi l-ittra wasslet ghand min kienet indirizzata, u mhux ghand haddiehor. L-imsemmija awturi jghallmu li "the rule is that the sender of a letter is only liable for the publication of its content to the person to whom it was addressed unless, at the time of sending the letter, he knew or ought to have known that it was likely to be opened by other persons. In the same way the writer would not be liable for the publication of a letter defamatory of the person to who it is addressed which is opened by his inquisitive butler, whose duty it was to open letters".*

Ghalkemm il-konvenut jikkontendi li l-e-mail datata 14 ta' Mejju 2005 ma kienetx intiza ghall-pubbliku izda kienet intiza biex tqajjem ilment, skontu gustifikat, fil-konfront tas-socjetà Robert Arrigo & Sons Limited lill-assocjazzjonijiet li jirregolaw l-operat tas-settur turistiku li fih kienu jahdmu CLT Hotels Services Limited u Robert Arrigo & Sons Limited, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz il-Qorti difficilment tista' taccetta l-pretensjoni tieghu li f'dan il-kaz ma jissussistix l-element tal-pubblicità.

Jibda biex jigi osservat illi l-e-mail in kwistjoni ntbaghtet lill-persuni jew entitajiet kollha li b'mod jew iehor ghandhom x'jaqsmu mas-settur li fih kienu joperaw il-partijiet kontendenti. L-iskop tal-konvenut kjarament kien li d-dikjarazzjonijiet tieghu fil-konfront ta' l-attur proprio et nomine jaslu ghand in-nies u/jew entitajiet li jafu lil u jinnegozjaw ma' l-attur proprio et nomine u anke li jirregolawh bhala persuna u socjetà li topera fis-settur tat-turizmu. B'hekk hawn mhux semplici kaz ta' komunikazzjoni privata mibghuta minn persuna ghal ohra u già in bazi ghalhekk hekk biss l-e-mail ta' l-14 ta' Mejju 2005 ma tistax titqies bhala komunikazzjoni mhux kolpita bl-effetti tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tant l-iskop tal-konvenut kien li jxandar id-dikjarazzjonijiet tieghu fil-konfront ta' l-attur proprio et nomine li l-e-mail in kwistjoni ntbaghtet anke lil entitajiet li strettament ma kienux involuti fil-kwistjonijiet ta' natura kummercjali li kjarament kien hemm bejn is-socjetà Robert Arrigo & Sons Limited u s-socjetà CLT Hotels Services Limited. Dan il-fatt jirrizulta mix-xhieda ta' Edward Paris waqt is-seduta tat-12 ta' Marzu 2007[18], fejn xehed illi *nghid li din* [ossia l-e-mail] *giet mibghuta lil varji entitajiet u persuni. Ghandi nghid li din giet mibghuta bhala email u ahna konna mnizzlin ... u mhux cc ghalkemm il-kontenut ta' din l-ittra ma kienx jaffettwa lilna direttament. Qed nigi muri d-dokument esebit f'dawn l-atti mmarkat bhala dokument A li jinsab inserit a fol.3 tal-process u nghid li din hija kopja ta' l-ittra li rcivejna ahna effettivament. Nghid li ahna fil-fehma taghna ahna fhimna li din l-ittra kienet dispute*

[18] Fol. 74 u 75 tal-process.

*kummercjali bejn iz-zewg partijiet u cioè Lino Farrugia u Robert Arrigo & Sons. Peress illi bhala federazzjoni ma nistghux nidhlu fi kwistjonijiet kummercjali, meta tqis li s-socjetà Arrigo & Sons hija membru taghna ... din il-korrispondenza bhala copy ma gietx indirizzata lilna partikolarment biex niehdu intervent fiha. Hadna rwol bhala assocjazzjoni billi niehdu nota ta' dak li hemm kontenut f'din il-korrispondenza, insegwuha biex inkunu nistghu nirrapprezentaw l-ahjar interess tal-membru. Sussegwentement illi wara li rcevejna din il-korrispondenza konna tlabna spjegazzjoni lill-membru taghna dwar aktar dettalji rigwardanti din il-kwistjoni u fil-fatt hekk kien sar. Komunikazzjoni ma' Lino Farrugia dwar din m'ghamilniex. Ghalhekk smajna biss il-parti wahda biss, dik ta' Robert Arrigo u ghalhekk ma stajna naghtu l-ebda gudizzju.* Ghaldaqstant jigi ribadit li l-affermazzjoni tal-konvenut li l-istess e-mail ma kenitx intiza ghal pubbliku ftit li xejn tirrizulta kredibbli u attendibbli' natura kjarament kummercjali li kien hemm bejn is-socjetajiet imsemmi.

Oltre dan kollu, l-iktar fattur li jimmilita kontra din il-pretensjoni tal-konvenut huwa dak li l-e-mail ta' l-14 ta' Mejju 2005 b'xi mod giet fil-pussess tal-gurnal KullHadd li ghadda biex jippubblika artikolu dwarha u d-dikjarazzjonijiet maghmula fiha mill-konvenut fil-konfront ta' l-attur proprio et nomine, fil-harga tat-22 ta' Mejju 2005[19]. Ghalkemm Felix Agius, editur tal-gurnal KullHadd, ghazel li ma jizvelax minghand min ottjena l-e-mail in kwistjoni[20] u l-konvenut cahad li kien hu li ghadda l-istess e-mail lill-gurnal, il-konvenut inniffsu jammetti però li l-kontenut ta' l-artikolu pubblikat fil-gurnal jirrifletti l-e-mail li kien kiteb hu[21]. B'hekk, jekk seta' kien hemm xi dubju fir-rigward - dubju mhux kondiviz mill-Qorti - fil-mument li l-kontenut ta' dik l-e-mail gie pubblikat l-istess zgur giet soggetta ghad-disposizzjonijiet tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta

[19] Dokument a fol. 172 tal-process.
[20] Xhieda moghtija waqt is-seduta tas-17 ta' Ottubru 2007.
[21] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Dicembru 2007, fol. 183 sa' 186 tal-process.

Fid-dawl ta’ dan kollu ghalhekk ghandu jirrizulta b’mod car li kuntrarjament ghal dak pretiz mill-konvenut proprio et nomine bis-sitt eccezzjoni tieghu, l-e-mail datata 14 ta’ Mejju 2005 lill-Ministru tat-Turizmu, lill-Malta Tourism Authority, lill-Federated Association of Travel & Tourism Agents, lill-Malta Hotels & Restaurants Association u lill-Federation of Malta Hotels, Pensions & Catering Establishments, hija tali li taqa’ taht l-applikazzjoni ta’ l-Att dwar l-Istampa u jekk tirrizulta li hija libelluza u malafamanti fil-konfront ta’ l-attur proprio et nomine tista’ taghti lok ghad-danni kontemplati fl-Artikoli 28 u/jew 29 ta’ l-imsemmi Att.

Stabbilit dan il-fatt jehtieg issa li jigu trattati l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut proprio et nomine ghat-talbiet attrici, u cioè li l-azzjoni attrici kif intentata mill-attur f’ismu proprio hija irrita u nulla stante li l-e-mail datata 14 ta’ Mejju 2005 issemmi biss lis-socjetà Robert Arrigo & Sons Limited, u li l-azzjoni attrici kif diretta fil-konfront tal-konvenut f’ismu proprio hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-imsemmija e-mail kjarament u inekwivokabilment inbaghtet mis-socjetà CLT Hotels Services Limited.

Fir-rigward ta’ l-ewwel wahda mill-imsemmija zewg eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut proprio et nomine jigi osservat li huwa principju guridiku assodat f’materja ta’ libell illi *dwar l-identifikazzjoni tal-persuna allegatament malafamata hu ghal kollox immaterjali x’kienet l-intenzjoni ta’ l-artikolista jew x’kellu f’rasu meta kiteb l-artikolu jew jekk f’mohhu dik il-persuna kinitx jew le identifikata. Hu ghal kuntrarju materjali t-test ta’ l-artikolu u jekk il-qarrej ordinarju anke jekk ben informat meta jaqra l-artikolu jasalx biex jidentifika l-persuna ta’ l-attur. Dana b’mod naturali u minghajr processi kumplikati ta’ eliminazzjoni jew analizi xort’ ohra. Dan ukoll b’certu grad ta’ certezza (App. Farrugia v. Fava 15.1.97). Kif inghad fis-sentenza Vol LXVIII p4 p316 fejn gie kwotat il-ktieb “Libel and Slander” ta’ Carter Rock: "The sole relevant question in every case is: Would reasonable persons understand the words to refer the particular plaintiff? Factors to be considered in deciding this question are, as Lord Porter*

*pointed out in Knupffen's case "the size of the class, the generality of the charge and the extravagance of the accusation"*[22].

Meta dan il-principju jigi applikat ghall-kaz in ezami u senjatament ghall-kontenut ta' l-e-mail datata 14 ta' Mejju 2005, jirrizulta immedjatament evidenti li ghalkemm il-konvenut isemmi b'mod dirett biss lis-socjetà Robert Arrigo & Sons Limited huwa kjarament jaghmel referenza esplicita wkoll ghal Robert Arrigo ossia ghall-attur f'ismu proprio. Apparte l-fatt li l-assocazzjoni bejn Robert Arrigo u s-socjetà tieghu hija fil-kaz in ezami lampanti, bid-domandi retorici *which operator still receives bookings from RAS even though he may not have contributed towards Sliema Wanderers Football Club*[23]*? ... So I ask, what solutions can the Minister offer me, and similar SMEs for such grievances that involve one of his fellow MPs?*[24] huwa evidenti li l-konvenut qed jirreferi ghal Robert Arrigo f'ismu personali in kwantu huwa fatt pubblikament maghruf li fiz-zmien in kwistjoni l-attur kien President tas-Sliema Wanderers Football Club u kien, kif del resto ghadu sa' llum, Membru Parlamentari.

Il-fatt li l-e-mail tal-konvenut tirreferi anke ghall-attur f'ismu proprio ghad illi ma jsemmihx b'mod dirett, jirrizulta kkonfermat mix-xhieda ta' Joe Sammut, Chief Executive Officer tal-Malta Hotels and Restaurants Association, moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Dicembru 2007[25] fejn iddikjara li *il-kontenut ta' l-imsemmija email tirreferi ghal Robert Arrigo and Sons Limited. Mistoqsi jekk hemmx accenn ghall-persuna ta' Robert Arrigo personali jista' jaghti l-kaz li fiha hemm riferenza ghall-persuna tieghu personali. Naturalment fil-vesti tieghu bhala membru parlamentari huwa biss Robert Arrigo. L-istess Robert Arrigo jokkupa l-kariga ta' President ta' Sliema Wanderers. Fl-email hemm riferenza li jekk huwa ma jikkontribwixxix lejn il-club ta' Sliema Wanderers ma jihux ordinijiet minghand l-RAS.* Konferma ulterjuri li l-e-mail in

---

22 Dr. Mario Vella pro et noe v. Dione Borg et, Citaz. Nru. 1935/99 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Jannar 2005.
23 Sottolinear tal-Qorti.
24 Sottolinear tal-Qorti.
25 Fol. 181 u 182 tal-process.

kwistjoni tirrerferi anke ghall-attur f'ismu proprio tirrizulta mit-titolu ta' l-artikolu pubblikat fil-harga tal-gurnal KullHadd tat-22 ta' Mejju 2005 li jaqra "Akkuzi Gravi Kontra Arrigo" liema artikolu gie addirittura akkumpanjat b'ritratt ta' l-attur.

Fid-dawl ta' dan appena osservat ghalhekk jirrizulta li kuntrarjament ghal dak pretiz mill-konvenut proprio et nomine, l-azzjoni attrici in kwantu intentata mill-attur f'ismu proprio ma hijiex irrita u nulla billi l-e-mail datata 14 ta' Mejju 2005 kjarament taghmel referenza ghalih ukoll.

Il-konvenut f'ismu proprio jipprova jezonera lilu nnfisu minn kwalunkwe responsabilità fil-konfront ta' l-attur proprio et nomine billi jikkontendi li l-e-mail in kwistjoni inekwivokabilment intbaghtet espressament mis-socjetà CLT Hotels Services Limited. Fil-fehma tal-Qorti però din il-kontestazzjoni tal-konvenut hija guridikament insostenibbli u bhala tali ma tistax tigi milqugha.

Ai termini ta' l-Artikolu 23 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta *l-azzjoni kriminali ghal xi reat taht it-Taqsima II u l-azzjoni civili taht it-Taqsima III ta' dan l-Att tista' tittiehed kontra kull wahda minn dawn il-persuni li gejjin: (a) l-awtur tal-kitba, jekk huwa jkun kitibha sabiex tigi ppubblikata, jew jekk ikun ta l-kunsens tieghu ghal hekk; (b) l-editur; jew, jekk dawk il-persuni ma jkunux jistghu jigu identifikati, (c) ir-responsabbli ghall-pubblikazzjoni*.

Ghalkemm mill-e-mail in kwistjoni jidher li din intbaghtet ghan-nom tas-socjetà CLT Hotels Services Limited, jirrizulta b'mod car li inkitbet mill-konvenut Lino Farrugia stess. Minn dan jirrizulta ghalhekk li l-awtur ta' l-e-mail huwa l-konvenut f'ismu proprio u l-Qorti ma ghandhiex dubju, ghar-ragunijiet già moghtija iktar 'l fuq, illi l-intenzjoni tieghu kienet proprio dik li jirrendi pubblici d-dikjarazzjonijiet tieghu fil-konfront ta' Robert Arrigo u tas-socjetà Robert Arrigo & Sons. B'hekk illum il-konvenut f'ismu proprio ma jistax jargumenta b'success li ma ghandux ikun tenut responsabbli ghad-dikjarazzjonijiet minnu maghmula f'dik l-e-mail izda ghandu, flimkien mas-socjetà CLT Hotels Services Limited li kjarament tat il-

kunsens taghha ghall-hrug ta' dik l-e-mail, jiffaccja l-konsegwenzi previsti fil-Ligi kemm-il darba jirrizulta li tali e-mail hija ingurjuza fil-konfront ta' l-attur proprio et nomine.

Fil-meritu l-konvenut proprio et nomine jilqa' ghat-talbiet attrici bid-difiza li l-e-mail ta' l-14 ta' Mejju 2005 (u mhux 14 ta' Mejju 2004 kif erronejament indikat fir-raba' eccezzjoni) ma tikkostitwixxix *la libel u lanqas malafama li toffendi l-unur u l-fama ta' l-attur u lanqas ma jnaqqas ir-reputazzjoni ta' l-attur jew tesponih ghad-disprezz tal-pubbliku peress illi (a) ma taghmel ebda referenza ghall-attur personalment; u (b) fil-konfront tas-socjetà attrici, ma tikkostiwixxix hlief 'fair comment' bazat fuq fatti kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk pjenament gustifikati u veri*[26], u li d-dikjarazzjonijiet maghmula f'dik l-e-mail *ma humiex foloz izda huma veri u fattwali kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza*[27].

Il-Qorti mhux ser terga' tidhol fil-kwistjoni sollevata mill-konvenut proprio et nomine bl-ewwel parti tar-raba' eccezzjoni tieghu in kwantu din l-istess kwistjoni già giet esetensivament trattata iktar 'l fuq f'din is-sentenza. Li ser tittratta hija l-kwistjoni tal-*fair comment* u tal-verità tal-fatti sollevata mill-konvenut proprio et nomine.

Mill-eccezzjonijiet kif impostati mill-konvenut proprio et nomine johrog car li huwa jissolleva l-eccezzjoni tal-fair comment u tal-verità tal-fatti fil-konfront ta' l-azzjoni attrici kif intentata mill-attur in rapprezentanza tas-socjetà attrici ghaliex skontu l-attur f'ismu proprio ma gie bl-ebda mod libellat u/jew malafamat. Waqt it-trattazzjoni orali l-attur proprio et nomine ssottometta li d-difiza tal-fair comment u tal-verità tal-fatti ma tistax tigi sollevata fil-konfront ta' socjetà kummercjali in kwantu tali eccezzjoni hija permissibbli biss f'azzjoni ta' libell istitwita minn persuna pubblika meta il-fatti lilha attribwiti huma dwar l-ezercizzju tal-funzjonijiet taghha. Din is-sottomissjoni ta' l-attur proprio et nomine però ma tistax tigi milqugha minn din il-Qorti in kwantu mill-Artikolu 12 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta'

[26] Raba' eccezzjoni.
[27] Hames eccezzjoni.

Malta jirrizulta li d-difiza tal-verità tal-fatti u konsegwentement tal-fair comment jistghu jigu sollevati fil-kaz in ezami. In effetti l-proviso ta' l-Artikolu 12(1) tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *l-prova tal-verità tal-fatti attribwiti hija ammessa biss fil-kaz li l-persuna* – li ai termini ta' l-Artikolu 2 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta tinkludi korp ta' persuni sew jekk ikollhom personalità guridika distinta sew jekk le – *(c) abitwalment tezercita professjoni, arti jew sengha, u l-fatti attribwiti lilha jkunu dwar l-ezercizzju ta' dik il-professjoni, arti jew sengha*.

Huwa fatt inkontestat li s-socjetà Robert Arrigo & Sons Limited topera fis-settur tat-turismu u mill-e-mail ta' l-14 ta' Mejju 2005 johrog car li d-dikjarazzjonijiet tal-konvenut proprio et nomine diretti fil-konfront taghha huma kollha relatati ma' l-ezercizzju tan-negozju taghha f'tali settur. In realtà u dejjem a bazi ta' dak provdut fl-Artikolu 12 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-kaz in ezami l-eccezzjoni tal-verità tal-fatti u tal-fair comment tista' tigi validament sollevata wkoll fil-konfront tat-talba attrici kif intentata mill-attur f'ismu proprio u dak li finalment ghandu jigi determinat minn din il-Qorti huwa jekk tali difiza kif sollevata mill-konvenut proprio et nomine hijiex fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz gustifikata o meno.

Huwa principju assodat f'materja ta' libell li *daqs kemm hija mehtiega l-libertà ta' l-espressjoni, hekk ukoll hija essenzjali u huwa wkoll dritt inaljenabbli, li wiehed jipprotegi il-fama tieghu, bil-mezzi legali kollha disponibbli … kulhadd huwa liberu sabiex jaghti l-opinjoni tieghu u anke jaghti gudizzju tieghu, però tali espressjoni ma ghandha qatt twassal sabiex jigu attribwiti atti lil xi persuna, b'mod li jattakkaw ir-reputazzjoni ta' l-istess u l-fama tieghu, meta tali atti lanqas ikunu veri. … Il-linja medjana fejn proprio d-dritt ta' espressjoni libera taccedi dak ragonevoli u ghandha tigi punita, ghax issir minflok ksur tad-drittijiet ta' haddiehor; huwa proprio … fejn l-espressjoni tigi bbazata fuq fatti skorretti". Illi f'dan il-kuntest id-differenza bejn "allegazzjoni ta' fatt" u "comment" hija wahda illum stabbilita fil-gurisprudenza taghna. "F'materja ta' ingurija bl-istampa ghandha ssir distinzjoni bejn "allegation of fact" u dak li huwa*

*"comment". Biex tirnexxi d-difiza tal-verità tal-konvicju, il-fatt ghandu jigi ppruvat. Il-"comment" biex ikun gustifikat irid ikun "fair and bona fide" u ma jistax ikun "fair u bona fide" jekk il-fatt attribwit lill-kwerelant ma jkunx veru" ("Reginald Miller v. Harold Scory" – XXXVI.iv.843). Illi ghalhekk ma tistax tirnexxi l-eccezzjoni tal-"fair comment" jekk ma jigux ippruvat sodisfacentement il-fatti addebitati lill-kwerelant, u ma tistax tirnexxi d-difiza tal-'justification' u jekk il-fatti ma jkunux veri, lanqas jista' jkun hemm 'fair comment' ("Anglu Camilleri v. Anthony Zammit, Vol. XI.IV.1195; "Dr. Joseph M. Ciappara v. Joseph Zammit" JSP, Citaz. Nru. 929/90 – 3 ta' Ottubru 1991). Illi sabiex isir dan l-ezami wiehed irid jiehu l-kliem fis-sens normali u ordinarju taghhom, u dan ifisser "in the meaning which reasonable or ordinary men of ordinary intelligence with the ordinary man's general knowledge and experience of world affairs, would be likely to understand them", dan jista' jinkludi "an implication or inference which a reasonable reader guided not by any special but only general knowledge and not fettered by any strict legal rules of construction would draw from the word". ("Jones v. Skelton" (1963) W.L.R. pg. 1371 (P.C))[28].*

Minn dawn il-principji guridici jirrizulta b'mod car ghalhekk li meta tigi sollevata d-difiza tal-fair comment u tal-verità tal-fatti l-oneru tal-prova ta' tali difiza jinkombi esklussivament fuq il-konvenut proprio et nomine. Apparte minhekk jirrizulta pacifiku wkoll li *f'materja ta' ingurja permezz ta' l-istampat illi l-attur li jhossu malafamat ma kellux jaghmel haga ohra biex isostni d-domanda tieghu hlief li jipprova li l-artikolu jew ahbar mxandra kienet ingurjuza. Sodisfatta din il-prova huwa, imbaghad, dmir tal-konvenuti li jikkombattuha bil-mezzi permessi mill-ligi biex jevitaw il-konsegwenzi ta' l-agir taghhom*[29].

Mill-provi prodotti johrog b'mod car li l-e-mail datata 14 ta' Mejju 2005 miktuba mill-konvenut u mibghuta lill-Ministru

---

[28] Anthony Degiovanni et noe v. Mark Lombardo et, Appell Civili Nru. 966/01 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-24 Novembru 2003 u Onor. Charles Buhagiar v. Ray Bugeja deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Jannar 1996.

[29] Joseph R. Darmanin v. Gino Cauchi et, Appell Civili Nru. 298/02 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-25 ta' Frar 2004.

tat-Turizmu, lill-Malta Tourism Authority, lill-Federated Association of Travel & Tourism Agents, lill-Malta Hotels & Restaurants Association u lill-Federation of Malta Hotels, Pensions & Catering Establishments, kienet ritaljazzazzjoni, jekk mhux addirittura vendikazzjoni, da parte ta' l-istess konvenut Lino Farrugia versu azzjonijiet ta' natura kummercjali li kienet hadet is-socjetà Robert Arrigo & Sons Limited fil-konfront tas-socjetà CLT Hotels Services Limited xi granet qabel id-data ta' l-istess e-mail. In effetti f'Mejju 2005, xi granet qabel ma ntbaghtet l-e-mail, is-socjetà Robert Arrigo & Sons Limited kienet spostat xi persuni li kienu alloggjati fil-Patricia Hotel, lukanda gestita minn CLT Hotels Services Limited, ghal go lukanda ohra minhabba ilmenti li kien hemm dwar l-istandards ta' l-istess Patricia Hotel u skond il-konvenut b'konsegwenza ta' dan il-kuntratt li kellu ma' l-operatur turistiku barrani Nouvelle Frontieres gie terminat. Kif già osservat, ftit tal-granet wara dan l-incident intbaghtet l-e-mail in kwistjoni fejn fost affarijiet ohra gie dikjarat *I am sure that anyone involved in the local incoming tourism industry is well aware of the 'cow-boy' manner of operations of Robert Arrigo & Sons Ltd. I ask, which operator especially hotel operators, has not been ill-treated by RAS? Still nobody seems to do, or is able to do anything about it. Which hotelier has never had bookings for his hotel shifted elsewhere by RAS, either to RAS related hotel/s or because of a better profit margin from rates of other hotels? Wouldn't RAS do their utmost to hinder the business of any of his principals that may prefer to contract directly with hotels? Who has not had to wait well over the allowed credit to be paid by RAS, even though this is today illegal? And who has not been asked to 'exchange' cheques in order to get paid, even though, once again this is illegal, and to add insult to injury the exchange may very well be from totally unrelated operations, companies and even years of operations? Which operator still receives bookings from RAS even though he may not have contributed towards Sliema Wanderers Football Club?*

Bix-xhieda estensiva li ta waqt is-seduta ta' l-1 ta' Gunju 2006[30] u bid-dokumenti u diversi provi ohra li ressaq, senjatament id-dokumenti Dok. "RA2" sa' Dok. "RA4" a fol. 29 sa' 60 tal-process u x-xhieda ta' David Bonello moghtija waqt is-seduti tat-12 ta' Marzu 2007[31] u tas-16 ta' Mejju 2007[32] u d-dokumenti esebiti mill-istess Bonello a fol.76 sa' 92 tal-process u a fol. 98 sa' 160 tal-process, l-attur proprio et nomine effettivament irnexxielu jipprova b'mod sodisfacenti li tali e-mail hija fil-fatt ingurjuza mhux biss fil-konfront tas-socjetà Robert Arrigo & Sons Limited izda fil-konfront tieghu personali wkoll. Minn dawn il-provi kjarament jirrizulta li l-iskop reali wara dik l-e-mail kien li tigi attakkata r-reputazzjoni tas-socjetà Robert Arrigo & Sons Limited u ta' Robert Arrigo nnifsu biex mhux biss issir hsara ghan-negozju minnhom operat, izda wkoll li ssir hsara lill-attur f'ismu proprio bhala Membru Parlamentari billi ttellfu u tnaqqaslu r-reputazzjoni tieghu bhala tali.

Waqt it-trattazzjoni orali l-konvenut proprio et nomine argumenta li l-attur proprio et nomine ma rnexxilux jipprova b'mod sodisfacenti l-hsara li setghet sofriet is-socjetà Robert Arrigo & Sons Limited b'konsegwenza ta' l-e-mail in kwistjoni stante li ffoka x-xhieda tieghu esklussivament fuq il-posizzjoni tieghu personali. Apparte l-fatt li l-Qorti assolutament ma taqbilx ma' din l-osservazzjoni tal-konvenut proprio et nomine, huwa fi kwlaunkwe kaz principju assodat in materja ta' libel illi *l-interess biex wiehed jagixxi jista' jkun pekunarju u anke morali, purchè guridiku, jigifieri korrispondenti ghall-lezjoni ta' veru dritt; u ghalhekk ittra mibghuta lil persuna li tilledi l-onorabilità ta' persuna ohra, taghti li dan ta' l-ahhar id-dritt li titlob il-protezzjoni tal-ligi biex tottjeni dikjarazzjoni mill-Qorti tal-falsità tal-kontenut ta' dik l-ittra; u dan avvolja l-persuna offiza ma tkunx sofriet danni materjali*[33].

[30] Fol. 22 sa' 28 tal-process.
[31] Fol. 71 sa' 73 tal-process.
[32] Fol. 96 u 97 tal-process.
[33] Perit Joseph Boffa v. John A. Mizzi, Appell Civili 285/94 deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-21 ta' Gunju 2005 u Lawrence Cachia Zammit et v. Carmelo Chetcuti A.&C.E. deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-8 ta' Novembru 1957.

Apparte dak kollu li jirrizulta mill-provi ta' l-attur proprio et nomine dwar l-infondatezza tad-dijarazzjonijiet ventilati mill-konvenut proprio et nomine fil-konfront tieghu u tas-socjetà Robert Arrigo & Sons Limited, il-konvenut proprio et nomine ma rnexxilux jipprova li tali dikjarazzjonijiet huma bbazati fuq fatti veri u li b' hekk jikkostitwixxu *fair comment*.

Fl-e-mail in kwistjoni l-konvenut b'mod retoriku jistaqsi *Which hotelier has never had bookings for his hotel shifted elsewhere by RAS, either to RAS related hotel/s or because of a better profit margin from rates of other hotels? Wouldn't RAS do their utmost to hinder the business of any of his principals that may prefer to contract directly with hotels?* Mill-provi prodotti, senjatament mix-xhieda ta' Joe Sammut, Chief Executive Officer tal-Malta Hotels and Restaurants Association[34], jirrizulta li fis-settur tat-turizmu l-prattika tal-*cancellations* ma' lukandi kienet prattika frekwenti tant illi fir-rigward ma ttiehdu ebda passi fil-konfront tas-socjetà Robert Arrigo & Sons Limited u l-konvenut ma ressaq ebda prova li effettivament turi bhala fatt illi s-socjetà Robert Arrigo & Sons Limited kienet tikkancella l-bookings minn ma' lukandi, senjtament minn dawk imexxija mill-konvenut jew socjetajiet rapprezentati minnu, biex kif jghid hu, il-booking jigi trasferit fuq *RAS related hotel/s or because of a better profit margin*.

Meta xehed fuq din il-kwistjoni waqt is-seduta tal-11 ta' Dicembru 2007[35] il-konvenut ghall-ewwel iddikjara li *mistqosi x'ridt infisser bil-cowboy manner ta' Robert Arrigo and Sons nixtieq nghid li Robert Arrigo kien jaghmel xi booking ghal xi nies minn tieghu gewwa lukanda li kont niehu hsiebha jien Patricia Hotel Sliema. F'dan il-kaz niftakar li Robert Arrigo kien ghamel booking ghal certu grupp u minhabba dan il-booking jiena ma hadtx sales ohrajn. Naturalment kien tani l-lista tal-group u fl-ahhar ikkancella dan l-istess booking. B'dan ridt infisser li huwa cowboy ghaliex imbaghad jara fejn ghandu spazju fil-*

[34] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Dicembru 2007, fol. 181 u 182 tal-process.
[35] Fol. 183 sa' 186 tal-process.

*lukandi tieghu u jiehu dawk in-nies li jkun ibbukkja ghandi fil-lukandi tieghu. Nghid li dan mhux darba grat. B'hekk ridt infisser li l-kumpanija Robert Arrigo hija cowboy u mhux hu. … nikkonferma li dak li kont nisma' Robert Arrigo and Sons jaghmel trattament hazin lin-nies. Kif kien jaghmel lili kien jaghmel lil haddiehor … lill-ohrajn naturalment fuq dak li smajt,* izda imbaghad stqarr li *m'inix f'posizzjoni li naghmel rendikont ta' dawk in-nies kollha li is-socjetà Robert Arrigo and Sons ittrasferiet mill-lukandi li kont niggestixxi jien ghall-lukandi operati minnha u ghalhekk l-argument tieghi kif kontenut f'dak l-e-mail ma nistax nissusstanzjah.*

Bl-istess mod ghalkemm jallega li *Robert Arrigo fixkilni fil-Holland International kif ukoll Nouvelle Frontieres*, il-konvenut spicca biex ammetta li huwa *minnu li Nouvelle Frontieres kellha xi klijenti ghandi, qalatghhom u tefaghthom go lukanda ohra. Nouvelle Frontieres qaluli li ghamlu dan minhabba l-complaints tal-klijenti. Dan is-suggett jifforma parti ta' kawza li hemm pendenti l-Qorti. Huwa minnu li l-kuntratt ma' Nouvelle Frontieres gie terminat wara t-trasferiment ta' dawn il-klijenti*[36]*.* Minkejja il-fatt li waqt is-seduta ta' l-20 ta' Frar 2008[37] il-konvenut stqarr li *kelli aktar minn hamsa u ghoxrin elf booking u dan gew ikkancellati minhabba t-tfixkil ta' Robert Arrigo* huwa baqa' ma pprezenta ebda prova ta' dan u meta waqt is-seduta tal-5 ta' Novembru 2008[38] gie rinfaccjat b'dan il-fatt u gie mistoqsi minn fejn jirrizultalu li kellu 25,000 booking li gew ikancellati minhabba l-attur huwa wiegeb, b'mod ghal kollox inkoerenti, li *huwa minnu li jiena ppromettejt li nesebixxi din il-kopja fis-seduta ulterjuri* (ossia l-kuntratt man-Nouvelle Forntieres minnu msemmi waqt is-seduta ta' l-20 ta' Frar 2008 u li kien ipprometta li se jesebixxi) *però nixtieq nghid li jiena kelli kuntratt dirett ma' Nouvelle Frontieres gewwa Franza ghaliex kien hemm xi complaints. B'hekk ridt infisser li meta gie rapprezentant ta' Nouvelle Frontieres hawn Malta u ghamlu inspection fil-lukanda tieghi ddecidew li jitterminawli l-kuntratt u minhabba f'hekk jiena sofrejt dan it-telf.*

---

[36] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Dicembru 2007.
[37] Fol. 190 u 191 tal-process.
[38] Fol. 110 u 111 tal-process.

Fl-e-mail ta’ l-14 ta’ Mejju 2005 il-konvenut b’mod retoriku jistaqsi wkoll *Who has not had to wait well over the allowed credit to be paid by RAS, even though this is today illegal? And who has not been asked to ‘exchange’ cheques in order to get paid, even though, once again this is illegal, and to add insult to injury the exchange may very well be from totally unrelated operations, companies and even years of operations? Which operator still receives bookings from RAS even though he may not have contributed towards Sliema Wanderers Football Club?* Izda f’dan il-kaz ukoll il-konvenut ma ressaq ebda prova li tistabilixxi li dak minnu allegat fil-konfront tas-socjetà Robert Arrigo & Sons Limited u ta’ Robert Arrigo nnifsu huwa veru.

Fix-xhieda li ta waqt is-seduta tal-11 ta’ Dicembru 2007 il-konvenut iddikjara li *fl-email tieghi ghamilt referenza ghall-Onorevoli Robert Arrigo u nixtieq nghid li kull darba li jiena kont incempel lill-Onorevoli Robert Arrigo jew lil xi impjegat tieghu sabiex ihallasni ghal xi hlasijiet dovuti lili kienu jghiduli sabiex naghmlu exchange of cheques fis-sens li huma jhallsuni bil-patt u l-kundizzjoni li jiena naghti contribution ghas-Sliema Wanderers Club* u li *hemm procedura li meta agent hawn Malta jircievi flus minn principal tieghu minn barra dawn jigu mghoddija lilna direttament però Robert Arrigo ma kienx jaghmel hekk. Kien jircievi flus minn barra u jdum biex ighaddilhomlna. Huwa ma kienx ighaddihom lill-lukandiera mill-ewwel. Kelli diversi kuntratti ma’ Robert Arrigo and Sons fis-sens li kien ikun hemm perijodu stipulat ghall-credit biex jiena nithallas. Robert Arrigo mbaghad ma kienx ihallasni fi zmien il-credit period, kien ihallasni wara. Biex jien nithallas kien isir l-exchange of cheque. Il-credit period jibda jirrikorri minn mindu timla’ l-invoice u ahna nibaghtu l-invoice malli jasal il-klijent indipendentement minn jekk Robert Arrigo jkunx ircieva l-flus mill-agent tieghu. Jiena kont nippretendi li meta l-agent jircievi l-flus nithallas però ma kienx isir hekk.* Izda imbaghad waqt is-seduta ta’ l-20 ta’ Frar 2008[39] ghalkemm rega’ stqarr li *meta jiena kont*

[39] Fol. 190 u 191 tal-process.

*niccejsja l-pagamenti dovuti lili kien icempilli xi rapprezentant ta' Robert Arrigo & Sons Limited u kien ighidli li jekk iggib cheque bhala donation inkunu nistghu naghmlu exchange of cheques. Naturalment dan f'kull okkazzjoni,* ma kienx f'posizzjoni jghid kemm il-darba ghamel dawn l-allegati donations lil Sliema Wanderers. Apparte minnhekk, ghalkemm kien obbliga ruhu li jipprezenta c-cheques li allegatament kien ghamel biex jaghti dawn id-donations li, fi kliemu stess, kienunjammontaw ghal madwar Lm100 jew Lm150, dawn ic-cheques baqghu ma gew prodotti qatt. F'dan ir-rigward waqt is-seduta ta' l-14 ta' Jannar 2010[40] mill-gdid rega' stqarr li *mistoqsi kemm-il pagament jien ghamilt over the years lil Sliema Wanderers nghid li ma nafx però cert li ghamilt u Robert Arrigo personalment jaf.*

Fir-rigward tal-pagamenti tardivi stqarr li *ghalkemm bil-ligi suppost jiena nithallas fi zmien xahar, nghid li kien hemm kazijiet fejn … xahar sakemm l-operator jircievi l-flus minn barra nghid li jiena effettivament kont nithallas hafna wara. Mistoqsi nispjega kif effettivament jiena naf li thallast aktar minn xahar wara li Robert Arrigo kien ircieva il-flus minn barra inwiegeb li dan nafu ghax hekk qed nassumi. Jiena ma nafx meta effettivament Robert Arrigo kien jircievi l-flus minn barra.* Ghalkemm ghall-ewwel stqarr li bbaza d-dikjarazzjoni tieghu f'dan ir-rigward fuq mera assunzjoni, waqt is-seduta ta' l-14 ta' Jannar 2010 biddel il-verzjoni tieghu u stqarr li *kif inkun naf li effettivament Robert Arrigo jkun ircieva l-pagament minn barra nwiegeb dan ghaliex kont incempel dirett l-agent barra u kien ighidli li hallas però jien ma nkunx thallast. Jista' jkun li jiena kont incempel l-operaturi minn barra u kienu jghiduli li kienu jhallsu lil Robert Arrigo and Sons.* Iza imbaghad iddikjara li *ma niftakarx li qatt tani l-operatur minn barra xi dokument biex juri li effettivament ikun hallas lil RAS.* Fid-dawl ta' dan il-Qorti ma tistax tqis din it-tieni verzjoni moghtija mill-konvenut proprio et nomine bhala veritiera u b'hekk accettabbli.

[40] Fol. 121 sa' 123 tal-process.

Il-konvenut jichad li l-e-mail ta’ l-14 ta’ Mejju 2005 kienet inbaghtet b’ritaljazzjoni ghall-fatt li l-kuntratt man-Nouvelle Frontieres gie terminat u jghid li din l-e-mail intbaghtet *ghaliex ghal sentejn shah Robert Arrigo bhala direttur ta’ Robert Arrigo and Sons kien ibbukkjali hotel ghal sentejn shah b’diversi gruppijiet u dejjem jikkancellaw fl-ahhar minuta. Jiena kont nohrog stop sales biex inzomm il-post imbaghad kont nispicca b’lukanda vojta. Qed nesebixxi l-istop sales li kienu jsiruli li qed jigu mmarkati mill-Qorti bhala CSH2.* Minn ezami tad-dokument CSH2 però jirrizulta li dan jirreferi biss ghal zewg gruppi li kellhom ikunu alloggjati fil-hotel gestita mis-socjetà rapprezentata mill-konvenut bejn l-21 ta’ Mejju 2005 u s-27 ta’ Mejju 2005 u bejn it-28 ta’ Mejju 2005 u t-3 ta’ Gunju 2006.

Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk il-Qorti tirribadixxi li fil-fehma taghha l-e-mail datata 14 ta’ Mejju 2005 mibghuta mill-konvenut lill-Ministru tat-Turizmu, lill-Malta Tourism Authority, lill-Federated Association of Travel & Tourism Agents, lill-Malta Hotels & Restaurants Association u lill-Federation of Malta Hotels, Pensions & Catering Establishments, kellha l-iskop uniku li tigi attakkata r-reputazzjoni tas-socjetà Robert Arrigo & Sons Limited u ta' Robert Arrigo nnifsu bhala vendikazzjoni ghall-fatt li s-socjetà CLT Hotels Services Limited tilfet it-turisti u konsegwentement il-kuntratt li kellha ma' l-operatur barrani Nouvelle Frontieres. B' din l-e-mail il-konvenut proprio et nomine kjarament ried biex mhux biss jaghmel hsara ghan-negozju operat minn Robert Arrigo tramite s-socjetà Robert Arrigo & Sins Limited, izda wkoll li ssir hsara lill-attur f'ismu proprio bhala Membru Parlamentari billi ttellfu u tnaqqaslu r-reputazzjoni tieghu bhala tali. B'hekk din l-e-mail hija kjarament libelluza u malafamanti fil-konfront kemm ta' Robert Arrigo kif ukoll fil-konfront tas-socjetà Robert Arrigo & Sons Limited.

L-attur jitlob li l-konvenut f’ismu proprio u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà CLT Hotels Services Limited jigi kkundannat: (a) ihallas danni lilu f’ismu personali a tenur ta’ l-Artikolu 28 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta’ Malta li jipprovdi *fil-kaz ta’ malafama, b’xi mezz imsemmi fl-artikolu 3, li l-ghan taghha jkun li ttellef jew tnaaqas ir-*

*reputazzjoni ta' xi persuna, il-qorti civili kompetenti tista', minbarra d-danni li jistghu jintalbu taht xi ligi lit kun fis-sehh f'dak iz-zmien dwar telf jew hsara attwali, taghti lill-persuna offiza somma ta' mhux izjed minn hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu*; u (b) ihallas danni lis-socjetà Robert Arrigo & Sons Limited a tenur ta' l-Artikolu 29 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi *kull min, b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3, jippubblika xi dikjarazzjoni li jkun jaf li hi jew bid-diligenza xierqa seta' jkun jaf li hi falza u li x'aktarx taghmel hsara lil xi negozju jew proprjetà ohra, jehel li jhallas, minbarra d-danni li jkollhom jithallsu taht xi ligi ohra li tkun issehh dwar kull telf jew hsara attwali, somma ta' mhux izjed minn hdax-il self, sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu li tigi stabbilita mill-qorti kompetenti.*

Fid-dawl ta' dan kollu iktar 'l fuq osservat jirizulta li l-estremi ta' l-azzjoni ai termini ta' l-Artikoli 28 u 29 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta jirrizultaw debitament ippruvati u ghalhekk il-konvenut proprio et nomine ghandu jgorr ir-responsabilità ghad-dikjarazzjonijiet minnu maghmula fil-konfront ta' l-attur proprio et nomine fl-e-mail ta' l-14 ta' Mejju 2005. Fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz il-Qorti tqis li l-konvenut proprio et nomine ghandu jhallas lill-attur f'ismu proprio is-somma ta' €2,500 a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta u ghandu jhallas ukoll lill-attur in rapprezentanza tas-socjetà Robert Arrigo & Sons Limited is-somma ta' €2,500 a tenur ta' l-Artikolu 29 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut proprio et nomine tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara li l-e-mail datata 14 ta' Mejju 2005 indirizzata lill-Ministru tat-Turizmu, lill-Malta Tourism Authority, lill-Federated Association of Travel & Tourism Agents, lill-Malta Hotels & Restaurants Association u lill-Federation of Malta Hotels, Pensions & Catering Establishments, hija libelluza u malafamanti fil-konfront ta' l-attur proprio et nomine u konsegwentement ai termini ta' l-Artiklu 28 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-konvenut proprio et nomine ihallas lill-attur f'ismu proprio s-somma ta' €2,500 u ai termini ta' l-Artikolu

29 tal-Kap.248 Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-konvenut proprio et nomine jhallas lill-attur in rapprezentanza tas-socjetà Robert Arrigo & Sons Limited is-somma ta' €2,500, bl-imghax legali dekoribbli fuq kull wiehed mill-imsemmija ammonti mid-data ta’ din is-sentenza sad-data ta’ l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jibqghu a karigu tal-konvenut proprio et nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------